MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 613/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Raymond Abela (K.I. 126583)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, mitejn, disgha u tletin ewro erbgha u erbghin centezmu (€1239.44) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici in kwantu ghal sitt mija, sebgha u erbghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€647.25) prezz ghal servizz ta' *internet* rez mis-socjeta' attrici lill-konvenut u in kwantu ghal hames mija tnejn u hamsin ewro w dsatax-il centezmu (€592.19) prezz ghal servizz ta' telefonija cellulari rez mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 7995 6323.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax r-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fit-30 ta' Settembru, 2010 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------